MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Numru 326/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**

**Vs**

**Stephen Mifsud u Pauline Pisani**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Stephen Mifsud ta’ 31 sena, iben Carmel (mejjet) u Maria nee’ Debono, imwieled 8 ta’ Lulju 1972 Pieta, u residenti 51, Triq Assunta, Marsa jew Emanuel Flats, Flat 4, Triq Testaferrata, Gzira u detentur tal-Karta ta’ Identita’ numru 425172(M); u kontra Pauline Pisani ta’ 18-il sena, bint Maria nee’ Pisani, imwielda 9 ta’ Novembru 1985 Pieta’, u residenti 51, Triq Assunta, Marsa jew Emmanuel Flats,

Flat 4, Triq Testaferrata, Gzira u detentrici tal-Karta ta' Identita' numru 558785 (M).

Talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-21 ta' Frar 2004 f'xi hin bejn 04.00hrs u 05.00hrs gewwa Triq Imrabat San Giljan u/jew fil-vicinanzi ikkommetew serq ta' gakketta li tiswa Lm35, telefon cellulari tal-marka *Samsung E700* li jiswa Lm162, Lm2 fi flus, arlogg tal-marka *Swatch* li jiswa Lm50 u dan ghad-dannu ta' David Joseph Compagno, liema serq huwa kwalifikat bil-'vjolenza' bil-'valur', bil-'hin', u dan bi ksur ta' artikolu 262, 267, 270 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' David Joseph Compagno u dan bi ksur ta' artikolu 221 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stephen Mifsud akkuzat aktar talli sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi huma deffinitivi u ma jistghux jinbidlu u kif ukoll ghamel reat fil-perjodu operativ ta' sentenza sospiza.

Pauline Pisani akkuzata aktar talli saret ricediva b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi huma deffinitvi u ma jistghux jinbidlu u kif ukoll kisret Ordni tal-Qorti li ma taghmilx reat iehor fi zmien stipulat.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet il-provi.

Rat id-digriet taghha, tal-25 ta' Mejju, 2004, fejn l-imputati, tqieghdu taht Ordni provizorja ta' supervizjoni, *ai termini* tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru, 2004, fejn l-imputati, ammettew ghall-akkuzi kif dedotti kontrihom, u wara li l-istess imputati, inghataw zmien xieraq skond il-Ligi, sabiex jikkonsidraw din l-ammissjoni taghhom, huma ikkonfermaw l-istess ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tad-9 ta' Dicembru, 2004.

Rat il-verbal taghha tas-16 ta' Dicembru, 2004, fejn inqraw l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota hawn fuq imsemmija.

Rat li l-imputati regghu ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom u dan wara li inghataw id-debiti twissijiet mill-Qorti skond il-Ligi.

Rat l-Artikoli 261 ((a)(c)(e)(f)), 262, 267, 270, 274 (d), 279 (a), 280, 281, 334, 221, 289, 49, 50, 31, 20, 23, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni sabiex il-kawza taghhom tigi trattata sommarjament minn din il-Qorti *ai termni* tal-Artikolu 370 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, fuq ammissjoni tal-imputati, tikkundanna lill-istess Stephen Mifsud ghal perjodu ta' prigunerija ta' sentejn, u lil Pauline Pisani ghal perjodu ta' prigunerija ta' sena sospiza ghal 3 tlett snin *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'liema perjodu ta' 3 snin, l-imputata Pauline Pisani ghandha titqieghed taht Ordni ta' Supervizjoni ma' ufficjal tas-servizzi tal-*Probation*, *ai termini* tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, sabiex tipprovdi is-servizzi kollha necessarji lill-imputat Stephen Mifsud biex isirulu l-*assessments* mehtiega u jibda programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga *ai termini* tal-Ligi waqt li jservi din is-sentenza.

Tirrakkomanda wkoll lilll-imputata Pauline Pisani sabiex mill-aktar fis tattendi ghal program ta' rijabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga taht is-sorveljanza tal-istess ufficjal tal-*Probation* assenjat maghha.

Tordna kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva u lid-Direttur tas-servizzi tal-*Probation.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------